XGĦAJRA

Minuti tal- laqgħa Nru.40 (Erbgħin) tal-Kunsill Lokali Xgħajra li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill il-Ħamis, 27 ta' Diċembru , 2012 fis-6.00pm

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Il-Membri |
| Is-Sindku | Anthony R.Valvo |
| Viċi Sindku | Azzopardi Joseph |
| Kunsilliera | Buhagiar Mario |
| | Buttigieg Antonia |
| | Decelis M Claire (Skużata) |
| **L-Uffiċċjali:** | |
| Is-Segretarju | Ranier Busuttil |

1. Item Nru 1 fuq l-aġenda –Kullħadd preżenti, minbarra M.Claire Decelis li kienet skużata.

2. Item Nru 2 fuq l-aġenda – Qari tal-minuti ta' qabel – Il-minuti ġew moqrija w approvati. .

3. Item Nru 3 fuq l-aġenda – Matters arising mill-Minuti tal-laqgħa ta' qabel:

3.1 Is-Sindku qal li l-laqgħa tal-Monitoring Committee li jmiss f'ta' Barkat ser issir nhar il-Ġimgħa 11 ta' Jannar, 2013. Għalhekk tajjeb li nkellmu lis-Sur Manuel Borg sabiex ikun infurmat ukoll bil-laqgħa u nkellmu xi residenti oħra sabiex jattendu għal din il-laqgħa. Kif tkellimna fil-laqgħa ta' qabel is-Sindku qal li meta niltaqgħu irridu niċċaraw magħhom fuq x'qiegħed jiġri fuq il-permess tal-landscaping u fuq is-sistema l-ġdida sabiex naqtgħu l-irwejjaħ.

3.2 Is-Sindku qal li wara li issa qabbadna Accountant ġdid, għandna l-accounts sat-tielet kwart magħluqha u apparti hekk għandna wkoll ix-xogħol ippustjat s'Ottubru Issa jmiss li s-Sur Chircop ikompli l-aħħar xahrejn sabiex inkunu nisgħu nagħlqu s-sena finanzjarja 2012.

Kunsill Lokali tax-Xgħajra
Delle Grazie Batterija
Triq Dwardu Ellul
ix-Xgħajra XJR1361 – Malta
Tel: 21693269 Fax: 21695969
E-Mail xghajra.lc@gov.mt

3.3. Is-Sindku nforma lil sħabu l-kunsilliera li mill-iskemi li applikajna għalihom fosthom €92,000 fl-iskema Fondi Speċjali għal Lokalitajiet Żgħar u €54,000 fuq fondi għal restawr ta' siti storiċi, il-Kunsill ġie ppreżentat b'€20,000 fuq l-ewwel skema u xejn fu q it-tieni waħda. Is-Sindku qal li dejjem konna verbalment avżati li ser niġu mogħtija dawn il-fondi u għalhekk konna qegħdin nistennew dawn il-flus sabiex inkomplu u nikkonkludu l-proġett taċ-Ċentru tar-Rikrejazzjoni u Sport u li minħabba n–nuqqas ta' fondi m'aħniex f'pożizzjoni li nlestu jew navvanzaw fix-xogħol ta' dan il-proġett. Għalhekk ġie deċiż li għallanqas il-playground jitlesta u jinfetaħ sa' Frar 2013. Sar qbil unanimu fuq dan il-pjan.

Rigward ix-xogħol li diġa' sar fuq il-Proġett tal-Belveder u playground, is-Sur Valvo qal li l-ġimgħa l-oħra ltaqa' mal-Perit Charles Buhagiar biex naraw is-snag list sabiex naraw x'inhuma l-prijoritajiet fuq din l-ewwel fażi.

Ix-xogħol fuq il-holding wall issa jidher li tlesta u issa jmiss ir-rampa, l-bankina u t-triq fejn waqgħet bix-xogħol.

3.4. Rimi bil-barge – Dan ir-rimi għadu jsir ta' sikwiet u baqa' jsir mhux fil-post li suppost jintrema'.

4. Item Nru 4 fuq l-Aġenda : Korrispondenza

4.1 Arriva – Is-Sindku nforma lil sħabu l-kunsilliera li kellna laqgħa mall-uffiċċjali ta' l-Arriva tat-TM fuq il-post biex naraw kif nistgħu nsolvu l-problema ta' fejn tieqaf il-karozza ta' l-Arriva meta tasal kmieni.

5. Item Nru 5 fuq l-aġenda: L-infieq għax-xhur Novembru u Diċembru, 2012 ġie approvat.

6. Item Nru. 6 fuq l-Aġenda – Affarijiet oħra

6.1 Is-Sindku ddiskuta l-progress li kien qiegħed isir fuq ix-xogħol ta' tiswijiet ta' toroq madwar ix-Xgħajra li jinkludi wkoll il-kostruzzjoni mill-ġdid ta' Triq Leonard Mahoney. Dan ix-xogħol qiegħed isir minn TM fuq wegħda li kienet saret bejn il-Ministeru tat-Trasport u l-Kunsill tax-Xgħajra u jinkludi xogħol

ġewwa Triq Karmelo Ritchie, parti minn Dawret ix-Xatt, Triq l-Ispnott, Triq l-Iskola, Triq Leonard Mahoney, parti minn Triq il-Knisja, Triq Sant'Elija u Triq Qaċċawiet. Għad baqa' jsir xogħol ta' bankini madwar ix-Xgħajra. Ta' dan, il-Kunsill jirringrazzja lid-diriġenti kollha tat-Transport Malta.

6.2 Is-Sindku stieden lill-Kunsilliera sabiex jattendu għal riċeviment u qal li kien diġa' nforma lil Claire Decelis minkejja li m'hiex preżenti.

6.3 Green Pak Agreement – Is-Segretarju ppreżenta d-draft agreement ta' ġbir ta' skart riċiklabbli tal-Greenpak u l-Kunsill qabel li niltaqgħu magħhom qabel il-laqgħa li jmiss sabiex niċċaraw x'affarijiet li hemm fil-kuntratt.

6.4 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta x-sheet tal-leave tiegħu li jinkludi l-vacation leave u sick leave u l-Kunsill approva unanimament il-leave pendenti akkumulat. Is-Segretarju qal li dawn id-dokumenti issa jridu jintbgħatu d-Dipartiment għall-approvazzjoni tad-Direttur.

6.5 Is-Sindku xtaq lil dawk preżenti kollha l-festi t-tajba lilhom u l-familji tagħhom u rringrazzja lil kulħadd tax-xogħol siewi li għamlu għall-lokalita' tul is-sena 2012.

9. Item Nru 9 fuq l-Aġenda - Aġġornament

9.1 Il-Laqgħa ġiet aġġornata għal-Ħamis, 31 ta' Jannar, 2013, fl-4.00pm

, .

Segretarju Eżekuttiv

Sindku

XGĦAJRA

Kunsill Lokali tax-Xgħajra
Delle Grazie Batterija
Triq Dwardu Ellul
ix-Xgħajra XJR1361 – Malta
Tel: 21693269 Fax: 21695969
E-Mail xghajra.lc@gov.mt